# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju 2000

**Numru 30**

**Citaz. numru 605/93 DS**

Paul Muscat bhala mandatarju ta' Joseph u Louis ahwa Scannura, assenti

vs

(1) Maria Farrugia, u

(2) Ruth Farrugia bhala mandatarja ta' Rose sive Rosina mart George Pace, assenti

Illum, 8 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Mejju 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

fl-1 ta' Frar 1941, miet *ab intestato* Louis Scannura, missier il-kontendenti;

fid-29 ta' Marzu 1984, mietet Benvenuta mart l-istess Louis Scannura, omm il-kontendenti, li kienet originarjament ghamlet testment fl-4 ta' Settembru, 1970 (Dok. A) fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras li bih istitwiet bhala eredi fi kwoti ugwali lill-erba' uliedha, cioe` l-kontendenti, u li in segwitu ghamlet testment iehor tas-16 ta' Settembru 1977, fl-atti ta' l-istess Nutar (dok. A) li bih halliet b'titolu ta' legat lill-konvenuta Rose s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000);

l-atturi ma jridux jibqghu in komuni u ma rnexxilhomx jaslu ghal divizjoni bonarja;

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija li:

1. tordna li jigi firmat u likwidat l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gja' esistenti bejn l-imsemmi konjugi Scannura billi jigi dikjarat konsistenti f'dawk is-sostanzi li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. tordna li l-attiv nett likwidat jigi diviz f'zewg porzjonijiet ugwali li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Louis Scannura u l-ohra lill-assi partikolari ta' Benvenuta Scannura;

3. tordna li jigi firmat u likwidat l-assi partikolari ta' Louis Scannura billi jigi dikjarat konsistenti f'nofs l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti li jigi lilu assenjat u f'dawk is-sostanzi l-ohra li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza;

4. tordna li jigi firmat u likwidat l-assi partikolari ta' Benvenuta Scannura billi jigi dikjarat konsistenti f'nofs l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti li jigi lilu assenjat u f'dawk is-sostanzi l-ohra li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza;

5. tordna li jigi diviz l-assi partikolari ta' Louis Scannura f'erba' porzjonijiet ugwali, li minnhom porzjoni wahda tigi assenjata lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti;

6. tordna li jigi diviz l-assi partikolari ta' Benvenuta Scannura f'erba porzjonijiet ugwali, li minnhom porzjoni wahda tigi assenjata lil kull wiehed mill-kontendenti, salv il-pagament tal-legat imsemmi jekk ghadu ma sarx;

7. tinnomina Nutar biex jircievi l-att opportun ta' likwidazzjoni u divizjoni fil-gurnata, lok u hin li jigu stabiliti, bin-nomina ta' kuraturi biex jirrapprezentaw il-kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Farrugia fejn qalet:

Illi hi ma topponix li jigu likwidati u konsegwentement divizi l-assi ereditarji tal-genituri taghha salv li tigi rispettata l-volonta' taghhom, li d-divizjoni ssir *per sorte* u li l-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati mill-kontendenti kollha skond ir-rispettivi kwoti taghhom;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 1993, fejn dehret il-konvenuta Ruth Farrugia nomine li rrinunzjat ghat-terminu u nformat lill-Qorti li hi ma kenitx ser tipprezenta eccezzjonijiet differenti minn dawk tal-konvenuta l-ohra Maria Farrugia;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-istess jum li permezz tieghu gie nominat l-AIC Rene' Buttigieg bhala perit tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet tal-attur nomine tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u dan bil-fakoltajiet soliti;

Rat id-digriet tal-31 ta'Awissu, 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali sabiex jassisti l-perit tekniku, u dan fuq talba ta' l-istess AIC Rene' Buttigieg;

Rat ir-relazzjonijiet minnhom mahlufa fis-17 ta' Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

**Il-wirt u l-legat**

1. Jirrizulta mill-atti processwali li l-konjugi mejtin Luigi u Benvenuta Scannura kellhom erbat itfal Joseph, Louis, Maria u Rose, cioe' il-partijiet fil-kawza odjerna. Mhux kontestat il-fatt li Luigi Scannura miet *ab intestato* fl-1 ta' Frar 1941, u l-gid tieghu konsistenti fin-nofs indiviz ta' l-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti, iddevolva fuq l-istess partijiet fi kwoti ugwali.

2. Imbaghad fid-29 ta' Marzu 1984, mietet ommhom Benvenuta Scannura (ara Dok. MF3 certifikat tal-mewt) wara li kienet ghamlet zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras (ara Dok. MF4 certifikat ta' ricerka testmenti). L-ewwel testment sar fl-4 ta' Settembru 1970, (kopja esebita a fol 6) fejn it-testatrici istitwiet u nnominat *'bhala eredi universali, proprietarji u padruni assoluti tal-gid taghha kollu li ghandha u li ghad jista' jkollha ghal wara mewtha lill erba uliedha li jisimhom Rose mart George Pace, Maria mart Salvatore Farrugia, Joseph u Louis, ahwa Scannura, f'sehem indaqs bejniethom'.* Imbaghad skond it-tieni testment maghmul fis-16 ta' Settembru 1977, (kopja esebita a fol 11), it-testatrici filwaqt li kkonfermat it-testment precedenti taghha, halliet *'b'titolu ta' prelegat lil bintha Rose mart George Pace, bis-sostituzzjoni ghal uliedha, is-somma ta' elf lira maltin (Lm1000) ghal darba wahda biss'.*

3. B'hekk il-wirt tal-konjugi mejtin Scannura ddevolva fuq il-partijiet f'din il-kawza, u dan salv il-prelegat ta' elf liri Maltin (Lm1,000) li gie mholli lil wahda minn dawk il-kontendenti u cioe' Rose mart George Pace.

4. Fl-ittra tieghu ta' l-20 ta' April 1985, u cioe` wara l-mewt ta' Benvenuta Scannura, in-Nutar Joseph Sciberras elenka s-segwenti bhala l-assi ereditarji ta' omm il-kontendenti:

   a. nofs indiviz tal-fond nru. 27, Triq Ghajn Dwieli, Rahal il-Gdid;
   b. nofs indiviz tal-fond nru. 25, Triq Ghajn Dwieli, Rahal il-Gdid;
   c. nofs indiviz tal-fond nru. 21, Triq Ghajn Dwieli, Rahal il-Gdid;
   d. nofs indiviz tal-fond nru. 15, Triq San Lazzaru, Bormla;
   e. STG556.40 depozitati f'akkont nru. 119 901 081 man-National Savings Bank;
   f. STG1500 b'imghax bir-rata ta' 9.5% B.S.B. K 916051;
   g. Lm215 fi flus kontanti depozitati d-dar taghha; u
   h. ghamara.

5. L-elenku ta' l-istess assi ereditarji (ghal dak li jirrigwarda l-proprjeta` immobiljarja naturalment in-nofs indiviz l-iehor jappartjeni lill-eredita` ta' Louis Scannura u ghalhekk il-prospett Dok. C jindika s-shih) jinstab rifless fil-prospett Dok. C a fol 5 li l-attur nomine pprezenta flimkien mac-citazzjoni u ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-kontenut ta' dak il-prospett min-naha tal-konvenuti.

**Ir-rendikonti, investimenti u flus kontanti**

6. Kif sewwa rritjena l-perit legali, jirrizulta mir-rendikonti esebiti minn Maria Farrugia bhala Dok. MF1 u Dok. MF15 fir-rigward ta' l-amministrazzjoni taghha ta' l-assi ereditarji, li t-total tad-dhul mill-kera hu fis-somma ta' sitt mija u erbghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm640.50).

7. Dwar il-hrug, mill-istess dokumenti jirrizulta li dan kien fis-somma ta' Lm641.60,7. Oltre dan, pero` hemm ukoll il-kont tal-funeral ghal Lm148 li dwaru l-perit legali qal li ma jirrizultax min halsu ghax mhux inkluz fir-rendikonti li tat Maria Farrugia u hadd ma xehed dwar minn min thallas dan il-kont. Fil-fatt mix-xiehda ta' Maria Farrugia tat-12 ta' Mejju 1994 jirrizulta li dan thallas minnha. Dakinhar difatti fost diversi dokumenti li esebiet, hija esebiet tliet dokumenti dwar *"spejjez inkorsi minni"*, u fosthom hemm l-ircevuta tal-kont tal-funeral. Il-perit legali mbaghad, wara li qies li dan il-kont thallas mill-flus li halliet warajha Benvenuta Scannura, naqqas is-somma ta' Lm148 mis-somma ta' Lm215 indikati bhala flus id-dar. Ghalkemm, kif diga` osservat, il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-perit legali li ma jirrizultax minn min thallas il-kont imsemmi, taqbel li dawn, jekk ma tnaqqsux diga`, ghandhom jitnaqqsu mill-flus id-dar li kien hemm, cioe` li s-somma ta' Lm148 bhala spejjez tal-funeral jitnaqqsu mis-somma ta' Lm215 bhala flus id-dar u jhalli bilanc ta' Lm67. minn Maria Farrugia, kif ukoll iz-zewg ammonti ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20.00) ndikati bhala 'rigal' u dan ghaliex ma rrizultalux ghalfejn thallsu.

8. Ghal dak li jirrigwarda l-hrug, il-perit legali ma qabilx ma'zewg ammonti ta' Lm20 il-wiehed li, fir-rendikont Dok. MF1 hemm riferenza ghalihom bhala "rigal" u fid-Dok. MF15 minghajr tali riferenza. Difatti huwa naqqashom mit-total tal-hrug. Il-Qorti ma taqbilx li jitnaqqsu peress li ma saret l-ebda kontestazzjoni dwarhom mill-partijiet l-ohra fil-kawza  Ghal dak li jikkoncerna z-zewg ammonti rispettivi ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20.00).

9. B'hekk, apparti dak li ntqal ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tal-funeral, it-total tal-hrug ghandu jitqies fis-somma ta' sitt mija wiehed u erbghin liri Maltin, sittin centezmu u seba' millezmi (Lm641.60,7) u, stante li t-total tad-dhul kien ta' sitt mija u erbghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm640.50), Maria Farrugia baqaghlha tiehu lira Maltija, ghaxar centezmi u seba' millezmi (Lm1.10,7) mill-assi ereditarji. Jekk tithallas dan l-ammont mill-bilanc ta' flus id-dar jifdal bilanc ta' flus id-dar ta' Lm65.90.

10. Rose Pace ghandha tiehu legat ta' Lm1000. Il-perit legali ssuggerixxa li tiehu Lm50 mill-bilanc tal-flus id-dar u s-somma ta' Stg£1500 li kienu investiti fi British Savings Bonds. Fid-dawl tal-fluttwazzjonijiet li jkun hemm fir-rata tal-kambju u tal-fatt li hadd mill-kontendenti ma oggezzjona ghal dan is-suggeriment, il-Qorti taqbel li l-legat jithallas b'dan il-mod.

11. Jifdal ghalhekk bilanc ta' flus id-dar fl-ammont ta' Lm15.90 u l-Stg£556.40 depozitati man-National Savings Bank. Dawn, flimkien ma' l-imghaxijiet kollha akkumulati u salv l-ekwiparazzjoni msemmija hawn taht ghal dak li jirrigwarda l-ghamara, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn l-ebra' eredi

**L-ghamara**

12. Ghal dak li jirrigwarda l-ghamara, il-kopja ta' l-istima Dok. MF11 tindika ammont komplessiv ta' mitejn u zewg liri Maltin (Lm202.00). Il-perit legali, in vista tal-fatt li ma saritx prova dwar xi ghamara ohra li setghet tezisti barra dik imsemmija fl-istima, qasam l-istess ghamara f'erba' porzjonijiet hekk:

Porzjon I : 2 siggijiet skultura u sodda tal-hadid
Porzjon II : gradenza u mejda tal-kewkba u Lm7 mill-wirt
Porzjon III : 2 siggijiet skultura u Lm12 mill-wirt
Porzjon IV : gwardarobba u mejda, sideboard u vetrina taz-zebgha
U Lm7 mill-wirt.

Mill-istima Dok. MF11 pero` jirrizulta li kien hemm hames (5) siggijiet u mhux erbgha (4). Ghalhekk dan is-siggu ghandu jizdied mat-Tielet Porzjoni b'dan li min jiehu din il-Porzjoni jkun irid jaghti lill-wirt ghall-fini ta' ekwiparazzjoni s-somma ta' Lm8. Il-porzjonijiet hekk furmati ghandhom jigu assenjati lill-kontendenti wara li
jittellghu bix-xorti.

**L-immobbli**

13. Jirrizulta li l-perit tekniku acceda fl-erba' fondi ndikati hawn fuq u wara li ha n-notamenti u qisien mehtiega, hu wasal ghall-valuri rispettivi ta' hdax-il elf liri Maltin (Lm11,000), tmint elef liri Maltin (Lm8,000), hamsa u ghoxrin elf liri Maltin (Lm25,000) u disat elef liri Maltin (Lm9,000). L-istess perit tekniku kkunsidra li mhux possibbli li ssir divizjoni ta' dawn il-proprjetajiet f'erba' porzjonijiet ugwali. F'dan ir-rigward, il-perit legali ssuggerixxa li dawn ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni.

14. Fil-fehma ta' l-istess perit legali: *'L-ezitu finali tal-kawza ghandu jkun li l-wirt jigi maqsum definittivament billi kull parti jiehu sehmu mill-istess. Divizjoni parzjali jew divizjoni b'mod li xi whud mill-kontendenti jibqghu in komunjoni ma' xulxin ma tistax tigi proposta mill-Qorti jekk mhux bil-kunsens tal-kontendenti kollha … Hu veru li l-atturi f'din il-kawza talbu d-divizjoni tal-proprjeta' u mhux il-bejgh taghha, izda kif gie ripetutament stabbilit minn dawn il-Qrati, il-licitazzjoni hija forma ta' divizjoni, u jekk id-divizjoni n-natura ma tkunx possibbli, il-Qorti ghandha fuq l-istess atti, tghaddi biex tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-istess proprjeta'.*

15. Dan ir-ragunament hu fondat fuq l-art. 515(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghandu jigi applikat ghall-kaz odjern. Dan l-artikolu tal-ligi jipprovdi li *'Meta l-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, dawk il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom'* . L-istess fehma esprimiet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Carlo Borg vs Angela Grima***

***et*** fl-14 ta' Gunju 1954, (Vol. XXXVII.i.195) u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Michele Galea vs Antonio Attard et*** moghtija fit-13 ta'Gunju 1958, (Vol. XLIID.ii.1102).

16. B'hekk biss tista' tigi akkolta t-talba attrici ghad-divizjoni, ghaliex permezz tal-bejgh b'licitazzjoni ta' l-assi ereditarji, il-komunjoni ta' bejn il-kontendenti tispicca u huma jkunu jistghu jiehdu l-porzjon taghhom rispettiv. Inoltre jigi osservat ukoll li l-kontendenti ma ndikawx l-oppozizzjoni taghhom ghall-konkluzjoni tal-perit legali ghall-bejgh b'licitazzjoni ta' l-assi ereditarji mmobbiljari. Dan il-bejgh ghandu jsir minghajr oblaturi estranei, sakemm ma jigix provdut mod iehor wara talba li tista' ssir a tenur ta' l-artikolu 517 tal-Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddisponi mit-talbiet attrici kif gej:

(1) tiddikjara li l-assi ereditarji tal-mejtin Louis u Benvenuta konjugi Scannura jikkonsistu fl-assi fuq deskritti fil-paragrafi erbgha (4) u hamsa (5),
(2) tordna li l-investimenti u flus id-dar jinqasmu u jigu assenjati kif indikat fuq fil-paragrafi sitta (6) sa hdax (11),
(3) tordna li l-ghamara tigi diviza f'erba' porzjonijiet kif deskritt fuq fil-paragrafu tnax (12) u ssir l-assenjazzjoni permezz tax-xorti,
(4) tordna li l-immobbli fuq deskritti jigu mibjughin b'licitazzjoni u, salv dak li ntqal fil-paragrafu sittax (16), minghajr l-ammissjoni ta' offerti barranin, u fuq id-deskrizzjoni u stima maghmulin mill-A.I.C. Rene`

Buttigieg, u r-rikavat tal-bejgh jigi konsegwit f'ishma ugwali bejn il-komproprjetarji.

Bl-ispejjez li jithallsu f'proporzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur